# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT SIMONE GRECH

**Seduta Collisions**

**Pulizija**

**Vs**

**Carlos Falzon**

**Illum, 26 ta' Lulju, 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet mahruga kontra Carlos Falzon, bil-karta ta' l-identità numru 551386M, fejn gie akkuzat talli fis-27 ta' Lulju 2014, ghall-habta ta' 18:30hrs, waqt li kien fi triq id-Dahla ta' San Tumas, Marsascala;

1. Saq vettura ta' ghamla BMW bi numru ta' registrazzjoni FBW 415 b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;
2. B'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna hruq jew ghamel hsara jew gharraq xi haga ghad-dannu ta' Joseph Fenech.

Rat id-dokumenti prodotti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tibda biex tinnota li ghalkemm fil-process jinstabu xi traskrizzjonijiet ta' xhieda ta' seduti mizmuma fl-1 ta' Marzu 2018 u tal-15 ta' Frar 2018, u ghalkemm jirrizulta min-notamenti tal-qoxra ta' dan il-process, li in fatti nzammu tali seduti, fil-process ma jirrizultax li hemm inseriti dawn il-verbali ta' dawn is-seduti. Din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, kienet talbet lir-Registratur tal-Qorti sabiex jinserixxu dawn il-verbali nieqsa, izda dawn ma gewx rintraccati, hlief ghal kopja mhux iffirmata tal-verbal tal-15 ta' Frar 2018, li pprezentat kopja tieghu l-Prosekuzzjoni.

Din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fis-27 ta' Lulju 2014, ghall-habta ta' 6.30pm, fi triq id-Dahla ta' San Tumas, Marsascala, bejn karozza bin-numru ta' registrazzjoni FBW 415 misjuqa mill-imputat, u ziemel misjuq b'serkin minn Joseph Fenech. F'din il-kawza, nstemghu varji xhieda u gew ipprezentati affidavits tal-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, kif ukoll ta' Dr Katicha Gatt Galea. L-imputat ghazel li ma jixhidx, kif kellu kull dritt li jaghmel.

Skont ix-xhieda moghtija minn Joseph Fenech, huwa kien ghaddej biz-ziemel bil-pass fuq in-naha tax-xellug tat-triq, peress li kien tiela' 'l fuq, meta hass daqqa li tajritu. Sostna li s-sewwieq baqa' sejjer, filwaqt li huwa gie mitfugh fuq il-hajt b'kollox, u z-ziemel spicca mal-art. Spjega li n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura li laqtitu kien waqa' mal-art u l-pulizija gabritu mill-art. Spjega li huwa sofra minn griehi u z-ziemel kellu jraqqdu. F'seduta ulterjuri, huwa kien xehed dwar il-hsarat li sofra, u kif ukoll dwar il-valur taz-ziemel li korra fl-incident. Xehdet ukoll il-veterinarja li kienet ezaminat liz-ziemel fuq il-post tal-incident, u li kienet ezaminat liz-ziemel f'okkazzjoni ohra sussegwenti, fejn kienet issuggeriet li kellhom isiru aktar testijiet, izda sid iz-ziemel ma kienx baqa' f'kuntatt maghha.

Tressqu wkoll xhieda dwar stimi tal-hsarat li sofra Joseph Fenech kagun ta' dan l-incident, liema hsarat jammontaw ghal €944 (Dok FJ1 – prezz ghal *harness*); €900 (Dok FJ2 – prezz ta' xaretta), u €9,000 (Dok FJ3 – prezz li bih inxtara z-ziemel), flimkien ma' spejjez relatati ma' servizzi tal-veterinarju (Dok FJ4). Tressqu wkoll ritratti dwar il-hsarat li soffriet il-vettura misjuqa allegatament mill-imputat (Dok CF1 sa CF6).

Il-Qorti fliet ukoll ix-xhieda ta' SM1181 E Caruana, li fl-affidavit tieghu spjega l-verzjoni moghtija kemm minn Carlos Falzon, u kif ukoll minn Joseph Fenech. Irrizulta li meta kienu qed isiru l-investigazzjonijiet mill-Pulizija, Joseph Fenech kien talab li ma jittiehdux passi kriminali fil-konfront ta' Carlos Falzon, u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens, liema dikjarazzjoni wkoll giet ezebita fl-atti ta' din il-kawza. L-istess ufficjal E Caruana sostna bil-gurament tieghu, li minn investigazzjonijiet li saru, ma rrizultax li kien hemm *brake marks* jew xi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Irrizulta wkoll mill-istess affidavit, li dawn il-passi ttiehdu wara li kienet intbaghtet ittra mill-avukat ta' Joseph Fenech, fejn kien qed jigi mistoqsi ghalfejn kienu ghadhom ma ttiehdux passi, u wara li Joseph Fenech rega' gie mitkellem mill-Pulizija, fejn dan sostna mal-Pulizija li huwa ried li jittiehdu passi kontra Falzon, ghax dan ma mexiex ta' ragel, u ma hallsux kif kien ftehmu, u ghalhekk ried ipattihielu.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Meta din il-Qorti gharblet il-provi prodotti, bl-ebda mod ma tasal ghall-konkluzzjoni li tista' tinstab htija fir-rigward tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Ludwig Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010):

> *"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort*

*ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabili xxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti gen erikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ne ss ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn a tt ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:-*

*"L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku – Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi."*

*Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija v Alfred Mifsud, spjegat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta tagh*

*hom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin b ir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa.*

*Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' se wqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950). "*

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' h afna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jk unu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubj u dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat."*

Il-Qorti qieset li quddiemha ghandha biss il-verzjoni li ta Joseph Fenech bil-gurament tieghu waqt is-smigh ta' din il-kawza, u dak li kkonstata SM1181 meta nvestiga dan l-incident. Din il-verzjoni moghtija minn Joseph Fenech ma gietx kontradetta.

L-imputat kif già nghadd, ghazel li ma jixhidx. Mill-banda l-ohra, il-verzjoni moghtija mill-imputat u minn Joseph Fenech, u li giet rapportata fl-affidavit ta' SM1181, u fir-rapport tal-incident mhumiex ser jiġu kkunsidrati minn din il-Qorti

peress li ma hemmx iddikjarat f'entrambi d-dokumenti, jekk l-imputat kienx mogħti u spjegat lilu d-drittijiet tieghu, fosthom li jista' jzomm sieket, u li jista' jaghzel li jkun assistit minn avukat.

Il-Qorti qieset li l-istess ufficjal investigattiv SM1181 sostna bil-gurament tieghu, li ma rrizultax li kien hemm *brake marks* jew xi ksur tar-regolamenti tat-traffiku.

Madanakollu, mix-xhieda ta' Joseph Fenech, jirrizulta li huwa kien tiela' fit-triq id-Dahla ta' San Tumas fid-direzzjoni taz-Zejtun, u f'daqqa wahda, hass daqqa kbira u spicca mtajjar minn fuq is-serkien. Irrizulta wkoll li l-vettura laqtitu min-naha ta' wara. Irrizulta wkoll li n-numri tar-registrazzjoni ta' quddiem, inqala' u thalla fuq il-post mal-incident. Irrizulta wkoll li Carlos Falzon mar jirraporta li kellu incident fi triq id-Dahla San Tumas.

Fic-cirkostanzi partikolari, il-Qorti tqies li minn kif spjegata d-dinamika ta' dan l-incident, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi l-imputat kien qed isuq b'manjiera traskurata u habat mas-serkien misjuq minn Fenech, bil-konsegwenza li l-istess serkin, tkisser u gie ferut ukoll iz-ziemel. Madanakollu, din il-Qorti ma tqiesx li gew ippruvati l-estremi ta' sewqan perikoluz u bla kont.

In kwanu ta' piena ghar-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-legislazzjoni hekk kif kienet vigenti fid-data tal-incident. Il-Qorti qieset li fiz-zmien meta sehh l-incident, is-subartikolu 3 ta' l-Artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, kien jistipola li sospensjoni ta' licenzja ghandha ssehh jekk tigi mitluba mill-Prosekuzzjoni, u f' dan il-kaz, il-Qorti ma sabet l-ebda talba ghal tali sospensjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Dwar din it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Jannar 2020, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Leeandra Mifsud, fejn dwar l-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali ntqal li l-ipoteżi tar-reat li tohrog mill-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali hija dik ta' meta persuna, **b'mod kolpuz**, tikkawza hruq jew hsara fuq xi oggett jew jekk minhabba f'hekk, tigi kkagunata mewt jew griehi gravi fuq il-persuna li jgibu jew li ma jgibux il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar l-argumentazzjoni mressqa mid-difiza li fuq l-avviz hemm indikat l-Artikolu 226(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minflok l-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, din il-Qorti qieset ukoll dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Emmanuele Azzopardi, deciza fil-15 ta' Ottubru 2019, u cioè li l-avviz huwa biss *avviso a comparire.* F'dan il-kaz, ma kienet mitluba ebda bidla fl-artikolu indikat fil-genb tal-avviz da parti tal-Prosekuzzjoni. Madanakollu minn qari tat-tieni imputazzjoni, jirrizulta ben evidenti, li l-Artikolu 328 tal-Kodici Kriminali huwa l-artikolu applikabbli ghal dan il-kaz. Ghalhekk in bazi għall-gurisprudenza assodata relattiva ghac-citazzjoni qua *avviso a comparire,* din il-Qorti tal-Magistrati tista' ssib htija fuq ir-reat li jidderiva minn dik l-enuncjazzjoni, u li jkun irrizulta mill-provi li sehh, u dana minkejja li fin-notamenti tal-avviz, gie ndikat l-artikolu zbaljat (f'dan il-kaz l-Art 226(1) Kap 9).

Din il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, irrizulta li b'mod kolpuz, l-imputat ikkaguna hsarat fuq serkien, *harness* u z-ziemel proprjetà ta' Joseph Fenech.

Dwar l-ammont ta' hsara sofferti, din il-Qorti tqies li mix-xhieda ta' Christopher Vassallo, huwa kien ipprepara stima tax-xoghol sabiex isir serkien, izda dan ix-xoghol baqa' qatt ma sar. Silvio Schembri xehed li huwa jbiegh l-*harness* taz-zwiemel u l-istima kienet ta' bejn €800 u €900, izda ghal darb' ohra, din kienet biss stima. Fenech pprezenta Dok FJ1 li hija *credit note*, li fiha hemm imnizzel li invoice total huwa €944, Dok FJ2 li hija stima ta' xaretta li tiswa €900; Dok FJ3 li hija dokument bil-Franciz, li z-ziemel kien nxtara €9000 u Dok FJ4 li hija hlas li sar lill-veterinarja.

Irrizulta wkoll mix-xhieda tal-veterinarja, li din kienet talbet li jsiru aktar ezamijiet fuq iz-ziemel, izda Fenech kien imbaghad ma regax ha z-ziemel ghal vizta. Ghalhekk, din il-Qorti lanqas ghandha quddiemha, ir-ragunijiet x'wasslu biex dan iz-ziemel kellu jigi mraqqad.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi, tqies li mhiex konvinta lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, dwar kemm tiswa l-hsara sofferta, u ghalhekk mhijiex ser taghti l-ebda ordni ghal hlas ta' hsarat. Id-dritt għal kumpens jibqa' ghalhekk impregudikat, u ghandu semmai, jigi stabbilit minn Qrati jew tribunali ta' kompetenza civili.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qieghda tillibera lil Carlos Falzon mill-ewwel imputazzjoni ghal dak li ghandu jirrigwarda ma' sewqan b' manjiera perikoluza u bla kont, filwaqt li wara li rat l-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil Carlos Falzon hati tal-ewwel imputazzjoni ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' sewqan traskurat, u tat-tieni imputazzjoni mressqin kontra tieghu, u qieghda tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn Ewro (€ 200).

Din is-sentenza qieghda tinghata minghajr hsara ghal kwalunkwe drittijiet civili talvolta kompetenti lill-parte civile.

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**